# AVVIŻI

1. Navżawkhom mill-ġdid li dan hu l-fuljett No. 20. L-ieħor t'April kien No. 18 u mhux No. 20 kif jidher fuq dak il-fuljett.
2. Xi nies kitbulna biex isir talb għall-bżonnijiet tagħhom għax għandhom bżonn l-għajnuna speċjali tal-Madonna.

   Infakkru lill-Imseħbin (Tesserati) fil-Moviment tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni, fiddmir li għandhom li jgħaqqdu t-talb tagħhom ma' dak ta' Ġuża Mifsud u ta' sħabhom kollha għall-bżonnijiet ta' dawk li għandhom bżonn jaqilgħu xi grazzja speċjali, bl-interċessjoni ta' Marija Santissma.
3. Jekk int ma tafx xi jfisser tkun 'Tesserat' itlob tagħrif minn dawk li huma Tesserati diġà jew mingħand xi membru tal-Kumitat. Tista' tikseb formola ta' Applikazzjoni għat-Tesserament waqt xi laqgħa ta' Talb il-Girgenti jew mingħand:

   Mr. Robert Mifsud,
   19, Imrabat Street,
   St. Julian's SLM 13.

   jew Dr. Sylvana Spiteri, LL.D.,
   6, A/2 Main Street,
   Siġġiewi.

   jew Bro. Victor Privitera,
   Stella Maris College,
   Gżira GZR 04.

   Imla l-formola, iffirmaha u ibgħatha f'wieħed minn dawn l-indirizzi.

   Wara xi ftit ġranet għandek tirċievi it-Tessera ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Hekk tkun tista' tieħu sehem mit-talb kollha li jsir il-Girgenti u mill-imseħbin l-oħra kollha. M'hemm l-ebda ħlas xi jsir.
4. Infakkrukom li l-ħames ktieb 'It-Twaqqif ta' Titular Ġdid' qiegħed għall-bejgħ u jqum 85ċ. Għandu 110 paġni u ħafna ritratti. Ixtruh u taraw kemm hemm x'titgħallmu u timmeditaw fuq il-messaġġi tal-Madonna.

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 20 OTTUBRU 1994 JITQASSAM BLA ĦLAS

## ID-DEHRIET U L-KNISJA

Dawn l-aħħar għaxar snin saru ħafna dehriet tal-Madonna fil-Kontinenti kollha tad-dinja. Għalhekk, meta wieħed isemmi xi dehra tal-Madonna, malajr tisma' min isaqsi: "Imma xi tgħid il-Knisja?"

Bil-Fidi Nisranija li hi virtù sopranaturali imnissla fina bil-grazzja ta' Alla, aħna nemmnu l-veritajiet li Alla rrivelalna u li jinsabu fl-Iskrittura Mqaddsa u fit-Tradizzjoni li fiha nsibu t-tagħlim kollu tal-Knisja Universali. Dawn il-veritajiet jeħtieġu li nemmnuhom b'Fidi Divina jekk aħna rridu nibqgħu magħqudin mal-Knisja ta' Kristu; jiġifieri ma nistgħux niċħdu xi waħda minn dawn il-veritajiet. Ma nistgħux ma nemmnux, per eżempju, fis-Sagramenti jew f'xi domma tal-Fidi bħall-Kunċizzjoni Immakulata ta' Marija.

Iżda Alla jippermetti dehriet ta' Ġesù u ta' Marija, mirakli, fenomeni fis-sema, eċċ..., biex jgħina nifhmu aħjar il-veritajiet tal-Fidi, il-Vanġelu, il-Providenza ta' Alla jew biex iwissina u jwiddibna meta nonqsuh jew f'xi ċirkostanzi speċjali li fihom tkun tinsab id-dinja. Imma dawn huma "rivelazzjonijiet privati" li ma jistgħu jbiddlu xejn fil-Veritajiet Ewlenin tal-Fidi Nisranija. Dawn aħna nemmnuhom b'fidi umana u ma jaqgħux taħt il-Maġisteru Infallibli tal-Knisja.

Allura f'dan kollu kif tidħol l-Awtorità tal-Knisja?

Bħala omm li tieħu ħsieb il-ġid ta' uliedha, l-Awtorità tal-Knisja f'kull pajjiż trid teżamina dak kollu li ġara u l-messaġġi li ingħataw fid-dehriet biex tara jekk hemmx xi ħaġa li tmur kontra l-Fidi u l-Morali Nisranija. Jekk ikun hemm xi ħaġa ħażina ikun sinjal li dawn ir-rivelazzjonijiet privati m'humiex ġejjin mis-sema u għalhekk il-Knisja għandha tikkundannhom. Imma jekk ma hemm xejn ħażin aħna liberi li nemmnu jew ma nemmnux fihom.

L-Approvazzjoni tad-dehriet eċċ... tfisser sempliċiment li m'hemmx periklu għall-fidi tagħna jekk nemmnu fihom. Biex issir din l-approvazzjoni irid isir eżami bir-reqqa minn Kumissjoni speċjali u dan jieħu ħafna snin. Minn ħafna dehriet li saru dawn

l-aħħar għaxar snin waħda biss ġiet approvata u oħra mhiex 'il bogħod li tkun aċċettata mill-Knisja.

L-importanti hu li nifhmu li dawn il-ħafna dehriet tal-Madonna juru li d-dinja tinsab f'sitwazzjoni imwegħra. Għandna nitolbu u nagħmlu penitenza, kif spiss tgħidilna Ġuża Mifsud, għax il-ħażen fid-dinja kiber wisq u se jġib fuqna kastigi kbar.

L-Editur

# SILTIET MINN LAQGĦA FIL-GIRGENTI

**Miġbura minn**

**Dr. S. Spiteri LL.D**

## MEJJU 1994

F'din il-laqgħa li saret fit-8 ta' Mejju, 'Jum l-Omm' (skond Ġuża kienet il-Madonna stess li qaltilha biex il-laqgħa ssir fit-8 u mhux fil-5 tax-xahar), ġie mfakkar it-tmien anniversarju minn meta Ġuża tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti.

"Hawn ħafna *trouble* fid-dinja u ġejna hawnhekk illejla ħa npattu u biex nitolbu għal Malta tagħna. Malta tagħna kienet kattolika, appostolika u minn kollox imma qegħda tixxellef...

Jiena dal-lejl għall-ħabta ta' xi s-siegħa, is-Sinjura tal-Ħajja wrietni xi nies u tani l-biki. Kemm intom ommijiet sinjuri ta' Malta. Kemm hemm om-



mijiet foqra jridu jrabbu lil uliedhom u m' għandhomx biex... tfal jaħasra mixħutin fl-art...

Kemm għandna għalfejn inqimuh lil Ġesù ta' l-Ewkaristija u nfaħħruh għal dak li għamel magħna mat-toroq tal- Kalvarju... Ġesù ta' l-Ewkaristija qiegħed ibati mad-dinja kollha speċjalment fit-tabernakli tad-dinja li qegħdin jitfarrku bin-nuqqas ta' fidi, bin-nuqqas ta' prudenza lejh... Għandna nimxu fuq l-għaxar kmandamenti ta' Alla..."

Wara li Ġuża saħqet biex it-talb tagħna noffruh għal kull maħluq li hawn fid-dinja inqara dan il-messaġġ:

"Ħuti maħbubin nixtarru sew dan li ser ngħidilkom:

Naħsbu f'ruħna, naħsbu f'Alla għax ma nafux meta ħa mmutu. Naħsbu fil-Mulej Alla ta' l-Eżerċiti, fil-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija sabiex jeħlisna mid-dlamijiet li għandna f'Malta u fid-dinja kollha.

X'jiswielek li fid-dinja għandek flus kemm trid jekk wara mewtek ma tkunx tista' ssarrafhom fil-bank tal-Ġenna? Il-flus għandna ninqdew bihom imma ma norbtux qalbna magħhom.

X'jiswielek li fid-dinja tgawdi fama tajba jekk wara mew-tek issib li għandek fama ħażina quddiem il-Ħallieq tiegħek?

X'jiswielek li int imdawwar bis-sefturi, jekk wara mewtek ma tkunx tista' ssejjaħ wieħed minnhom biex jgħinek f'dak li għandek bżonn?

X'jiswielek li int negozzjant tajjeb jekk wara mew-tek issib li dak li kellek fid-dinja ma ħaddimtux tajjeb u ma ħallilekx qligħ għar-ruħek?

X'jiswielek li inti kull fejn tmur tiġi milqugħ minn kulħadd bl-akbar unuri, jekk wara mewtek ma jirnexxilekx tiġi milqugħ minn dik li hi l-Bieb tas-Sema u li mingħajra m'hemmx salvazzjoni?

X'jiswielek li tisma' dan kollu jekk ma toqgħodx tirrifletti fuqu u minn issa stess tiddeċiedi li tbiddel ħajtek?"

Waqt li kien qed jinqara dan il-messaġġ tqassam xi ħelu mbierek kif ukoll xi santi li fuq wara tagħhom kien hemm dan il-kliem:

"Mulej Ġesù agħmel li d-dinja tapprezza t-tbatijiet li batejt għalina matul il-passjoni u l-maħfra li int fuq is-salib tlabt lill-Missier għalija, għal dawk li sallbuk u għad-dinja kollha.

Twajjeb Mulej Ġesù, nirringrazzjawk għal dik l-ikla qaddisa li għamilt ma' l-appostli meta ħallejtil-na lilek innifsek fl-Ewkaristija.

Għinna, Mulej Ġesù, biex inkabbru d-devozzjoni tagħna lejn it-tbatija tiegħek u lejk fl-Ewkaristija, ħalli npattu għad-disprezzi li qed tirċievi, għax kull

min ma jemminx fik m'hux japprezza dak li għamilt għall-fidwa tagħna."

## ĠUNJU 1994

Wara s-solitu talb Ġuża fakkret lil dawk preżenti fil-grajjiet tat-8 ta' Ġunju 1988 meta "l-Mulej fetaħ is-sema u saru diversi kambjamenti fix-xemx u hi qalet li 'xi żewġ pulzieri 'l bogħod mix-xemx' rat l-Ewkaristija u diversi nies qalu li raw il-kuluri fix-xemx kif ukoll raw ix-xemx iddur.

Waqt din il-laqgħa nqraw il-messaġġi:

"Illum il-Ġimgħa 20 ta' Mejju wara li tqarbint, lill-Mulej għidtlu, "Mulej Ġesù kemm inħossni dgħajfa f'kollox." Qisni għidtlu ftit li m'għadnix sura ta' nies u t-tweġiba ta' Ġesù kienet dina, 'Inti qatt ma kellek x'taqsam mad-dinja... Jiena dejjem għidtlek biex tħares b'fiduċja kbira u tqawwi dejjem qalbek għall-affarijiet spiritwali. Inti f'dan tista' tgħinhom lil ħutek. Dawk li jitolbuk xi direzzjoni għidilhom biex ikunu eżatti fil-ħajja spiritwali.'

M'għandniex norbtu qalbna mad-dinja, ma norbtux qalbna u ninġibdu wara xi ħlejjaq li jiġbduna permezz tal-persuna tagħhom. Aħna dejjem għandna ninġibdu f'affarijiet spritwali... Għandna niġbdu n-nies mhux għax ikollna l-fattizzi ta' wiċċna sbieħ jew għax nilbsu tal-moda... Li jiġbed in-nies għandu jkun il-Mulej Ġesù ta' l-Ewkaristija b'dik it-tbatija li bata għalina...

Għandna bżonn nitolbu ħafna għal-qdusija tas-saċerdoti biex is-saċerdot aktar isir ta' Kristu... Naħsbu fl-imħabba li għandu jkollna f'qalbna għal-Ġesù ta' l-Ewkaristija meta mmorru nitqarbu. Hemm xi erwieħ li Ġesù flok jieħu glorja minnhom jara affarijiet li ma jiħux gost bihom, erwieħ imċappsin bid-dnub il-mejjet... Kemm jiddispjċih il-Mulej Ġesù fuq dan l-ilbies ħażin ta' ċertu nies li jqanqlu ħafna passjonijiet. Dawn ma jridhomx, it-tqanqil tar-ruħ għandna nagħmluh spiritwali...

Meta l-ġimgħa l-oħra (20.5.94) iltqajt ma Padre Pio f'viżjoni dan qalli, "Fl-Ewkaristija kont inħossu ħafna lil Ġesù bħalma tħossu inti... Dina grazzja kbira u xandarha din id-devozzjoni lejn l-Ewkaristija li jrid Ġesù. Xerrduha mad-dinja kollha li l-Mulej Ġesù fl-Ewkaristija qiegħed ibati, qiegħed isofri, m'hemmx imħabba lejn Ġesù ta' l-Ewkaristija... Dak il-kliem li għandek fuq Ġesù ta' l-Ewkaristija għidu, toqgħodx tibża'. L-inġustizzji jgħaddu bħalma għaddew tiegħi.' Għandna bżonn nuru l-verità għax il-verità mhix tidher fid-dinja..."



## LULJU 1994

Dwar il-fenomeni li seħħew waqt il-laqgħat ta' Ġunju, Ġuża qalet, "Min m'għandux fidi u fidi qawwija li jemmen fl-affarijiet ta' Alla, inutli jinbex lil Alla biex jarahom dawn l-affarijiet. Dawk li m'għandhomx fidi jakkużaw bħalma akkużaw lil Bernardina, bħalma akkużaw lit-tfal ta' Fatima u qegħdin jakkużaw lili wkoll imma b'daqshekk ma jimpurtax u m'intom tagħmluli xejn..."

F'kuntatt li Ġuża qalet li kellha ma Ġesù Ewkaristija, dan qalilha, "Il-qalb tiegħi tant qegħda tirċievi żebliħ minn kulħadd speċjalment minn dawk li l-aktar li nħobb għax hawn saċerdoti illi m'humiex jagħtuni l-qima kif suppost u minnhom qed insofri bħalma sofrejt fuq il-Kalvarju... Kompli xerred l-imħabba lejn l-Ewkaristija. Din l-imħabba kbira li għandek inti lejja trid tinfirex mad-dinja kollha għax id-dinja għaddejja minn dlam kbir... Għidilhom bl-imħabba li jiena tant inħobb lil bnedmin, lil midinbin, lil dawk kollha li huma kontrija, lil dawk kollha li jgħidu "Aħna lil Ġesù ta' l-Ewkaristija ma nafuhx. Aħna għalina ma jeżistix." Għidilhom li jiena qribhom u joqogħdu attenti minn dan id-dlam li hawn fid-dinja... Tibżax ixxerrdu dan il-messaġġ u miegħek għandu bżonn li jikkopera ħaddieħor almenu bit-talb għax jekk fid-dinja ma jkunx hawn qlub tajbin u ġenerużi qatt ma ħa tasal il-Paċi."

Ġuża kompliet tgħid, "M'għandix kliem jiena biex nirringrazzjak, biex infaħħrek, biex inqimek, biex ngħid lil kulħadd jiġri wara l-imħabba tiegħek għal dak kollu illi inti għamilt matul dawn l-elfejn sena... biex lilna twarrbilna d-dlamijiet. Id-dinja imtliet b'ħażen kbir, qerq kbir u qegħda tagħmel ħafna erruri lill-qalb imqaddsa u mbierka tiegħek. Inti tant qiegħed ixxerred teżori kbar ta' mħabba mit-tabenakli kollha tad-dinja fejn dik il-qalb tiegħek qegħda tħabbat ġo dik l-Ostja bajda, mqaddsa, immakulata u divina. Jiena ma nistax nagħti tifsir ta' l-imħabba għax jiena bniedma li ma jiena kapaċi għal xejn imma inti Mulej Ġesù... taf tgħarbel il-qlub u taf kollox... Din l-imħabba tiegħek jiena ma niflaħhiex. Ma nafx kif nibda nkellmek Ġesù, ma nafx kif nibda nagħmel biex id-dinja tħobbok, biex id-dinja tagħtik dak illi inti trid u titfa' l-ħażen lura u ma nibqgħux skjavi tad-demonju... Mulej inti tridni nagħmel ħafna kuraġġ biex inxerred dan il-messaġġ ta' l-imħabba tiegħek fl-Ewkaristija u jekk inti tgħinni Mulej dan jiena nagħmlu."

# GRAZZJI MAQLUGĦA

***Nota:*** *Tennejna kemm-il darba li, min jaqla' xi grazzja permezz tal-Madonna, għandu jiktbilna u jagħtina tagħrif biżżejjed biex inkunu nistgħu inxandru x'gara u, b'hekk, nagħtu tifħir xieraq lill-Madonna.*

*Sikwit isibuna nies u jgħidulna li qalgħu xi grazzja imma ma jixtiqux juru isimhom. F'dan il-każ, aħna nisgurawhom li isimhom jibqa' mistur. Biss meta jiktbulna għandhom jiffirmaw isimhom u jagħtu l-indirizz u n-numru tat-telefon biex l-Editur ta' dan il-fuljett ikun jista' jagħmel kuntatt magħhom.*

1. Persuna minn Ħaż-Żabbar qalet li, xi xahrejn ilu, ħasset uġigħ u bdiet tibża' li kellha xi tumur jew kanċer fl-intern tagħha. Qabel ma marret tagħmel eżami mediku, talbet ħafna lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni u wegħditha li jekk ma jkollha xejn gravi hi xxandar din il-grazzja biex in-nies ikollha aktar fiduċja fil-Madonna. Mill-eżami mediku ma rriżulta ebda ħaġa serja.

2. Is-Sur Carmel Hili, mix-Xewkija, Għawdex, għandu tifel li jismu Marjohn, li meta kien għad għandu xi sena żmien żviluppalu tfixkil fiċ-ċirkulazzjoni tad-demm fil-pulmun. It-tobba li eżaminaw it-tifel qalu li biż-żmien il-pulmun jiġi normali u l-vini jitwessgħu. Għaddew is-snin. Kull sena it-tifel kien jittieħed għal-vista tat-tabib. imma l-ebda titjib ma sar fil-pulmun. Din is-sena Marjohn għalaq tnax-il sena u ġie deċiż li ssir operazzjoni biex jirmedjaw għad-difett tal-pulmun.



Għalhekk kollox kien ippreparat biex it-tifel jittella' l-Ingilterra.

Peress li xi nies wissew lil missier it-tifel li ibnu ma jerġax jiġi lura ħaj, hu beda jibża' u kważi qata' qalbu. Għamel appuntament ma' Ġuża Mifsud u iltaqa' magħha d-dar tagħha fejn damu ħafna jitolbu flimkien. Wara xi siegħa u nofs, Ġuża ħeġġitu jitla' Londra mat-tifel u sguratu li l-operazzjoni tkun suċċess u t-tifel jiġi lura qawwi u sħiħ.

Marjohn u missieru telgħu Londra u damu hemm xi tliet ġimgħat. Dan kien f'April 1994. Fl-intervista li jien għamilt lil Carmel dan l-aħħar, hu stqarr: "Kemm ikollok tbati tara lit-tifel f'dik il-miżerja". Imma dik it-tbatija ma kinetx għal xejn għax it-tifel ġie lura mfejjaq... u kliem Ġuża seħħ għal kollox.

Nirringrazzjaw lill-Madonna.

3. Għall-ħabta ta' Frar 1992, għamilt intervista lil Pawla Cini li toqgħod il-Kalkara. Din il-mara kellha lil bintha, Gracie miżżewġa Calleja, li għal 3 snin sħaħ sofriet bit-*Thyroid glands* imma t-tobba li eżaminawha ma setgħux isibu l-kawża tal-marda li kellha. Għonqha beda jintefħilha sa wara widnejha. Lanqas setgħet tibla' ikel; kollox kien jeħlilha u tkun se tifga. Ommha ħajritha tmur għand it-tabib; u hekk għamlet. L-ewwel wieħed qalilha li kellha għerq miġbud. Meta rat li kien kollu għal xejn marret għand ieħor u dan qalilha l-istess. Allura Pawla ħadet lil bintha għand il-Professur Zammit, Birkirkara, li daħħalha l-isptar fid-dipartiment tiegħu biex tkun taħt osservazzjoni. Sadattant Pawla kienet tatha santa tal-Madonna tal-Girgenti u kienet tuża l-ilma meħud min hemm. Kellha fiduċja kbira fil-Madonna.

Xi tliet ġimgħat qabel din l-intervista il-professur għamel operazzjoni lil Gracie u biex ikun sgur fetaħ min-naħa għall-oħra taħt il-gangala u ħaġa tal-iskantament, ma sabx ħlief għoqda xaħam li tneħħiet faċilment, u ma kellux għax ineħħi t-*Thyroid glands*.

Minn dakinhar Gracie ħadet ir-ruħ. Tiekol regolarment u xagħra reġa' sar folt kif kien qabel mardet. Grazzi Madonna!

**L-Editur**

---

DIKJARAZZJONI: Il-Bord Editorjali ta' dan il-Fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.